MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Numru 614/2009

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)
vs
Kevin Brincat

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 422775 (M), akkuzat talli nhar il-25 ta’ Gunju 2009 ghall-habta tan-12.30hrs gewwa Putirjal Floriana:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’ Anthony Fenech, ID 838455M, wera’ dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu (Art 41, 216, 217, 218 tal-Kap 9)
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkaguna diversi offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Anthony Fenech ID

838455 M u John Vella ID 655673M bi strument li jaqta' jew iniggez (Art 221(2) tal-Kap 9);
3. hebb kontra Anthony Fenech sabiex jingurjah, idejjqu u/jew jaghmillu hsara (Art 339(1)(d) tal-Kap 9);
4. ingurja u/jew hedded lil Anthony Fenech (Art 339(1)(e) Kap 9);
5. rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra (Art 49, 50 Kap 9)

Il-Qorti mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(c) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Anthony Fenech u John Vella u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li talli persuni jiffrekwentaw. F'kaz ta' htija il-Qorti mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Anthony Fenech u John Vella u l-familja taghhom ai termini ta' l-Artikolu 382A et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni, fuq liema insista anke wara li l-Qorti tagghtu zmien biex jirrikonsidra;

Stante l-ammissjoni, tiddikjarah u ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat l-Artikolu 41(1)(a), 216, 221, 339(1)(d)(e), 49 u 50, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal sena millum.

A.M.Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------